MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2017

Rikors Maħluf Numru 320/15LM

**Joseph Azzopardi (K.I. 3689M)**

***vs.***

**Meir Assouline (K.I. 0042820A) u Joseph Dorian Fava (K.I. 0044391M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fid-9 ta' April, 2015 mill-attur **Joseph Azzopardi** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

***DIKJARAZZJONI***

1. *ILLI, fl-20 ta' Novembru tas-sena 2014, għal-ħabta tal-ħdax u nofs ta' bil-lejl (23.30pm), waqt illi Joseph Azzopardi kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu tal-marka Mercedes Benz bin-numru ta' reġistrazzjoni JAZ 012, fi Triq Bella Vista San Ġwann,*

*huwa safa milqut* (recte) *mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ACC 635, li kienet misjuqha minn Meir Assouline, proprjetà ta' Joseph Dorian Fava, illi baqgħet dieħla head on fil-vettura tal-esponent (Dok A: Road Accident Report[1]);*

2. *ILLI l-intimat Joseph Dorian Fava ippermetta lill-intimat l-ieħor Meir Assouline isuq il-vettura ACC 635 meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni skont il-Liġi; (Dok C: Korrispondenza[2])*

3. *ILLI, konsegwenza għal dan l-inċident, l-esponent ġarrab danni fl-ammont globali ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000) (Dok B: Insurance Survey Report[3]);*

4. *ILLI għal dan l-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħtu l-intimati Meir Assouline u Joseph Dorian Fava minħabba imprudenza, imperizija, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti;*

5. *ILLI l-intimati bl-ebda mod ma għamlu tajjeb għad-danni minnhom ikkaġunati kif imfisser;*

6. *Illi l-esponenti bl-ebda mod ma kien responsabbli għall-inċident stradali msemmi;*

***RAĠUNI TAT-TALBA:***

1. *ILLI, fl-20 ta' Novembru tas-sena 2014, għal-ħabta tal-ħdax u nofs ta' bil-lejl (23.30pm), waqt illi Joseph Azzopardi kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu tal-marka Mercedes Benz bin-numru ta' reġistrazzjoni JAZ 012, fi Triq Bella Vista San Ġwann, huwa safa milqut* (recte) *mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ACC 635, li kienet misjuqha minn Meir Assouline, proprjetà ta' Joseph Dorian Fava, illi baqgħet dieħla head on fil-vettura tal-esponent (Dok A: Road Accident Report);*

2. *ILLI l-intimat Joseph Dorian Fava ippermetta lill-intimat l-ieħor Meir Assouline isuq il-vettura ACC 635 meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni skont il-Liġi; (Dok C: Korrispondenza)*

3. *ILLI, konsegwenza għal dan l-inċident, l-esponent ġarrab danni fl-ammont globali ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000) (Dok B: Insurance Survey Report);*

[1] *A fol.* 4 sa 11.
[2] *A fol.* 16.
[3] *A fol.* 12 sa 15.

4. *ILLI għal dan l-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħtu l-intimati Meir Assouline u Joseph Dorian Fava minħabba imprudenza, imperizija, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti;*

5. *ILLI l-intimati bl-ebda mod ma għamlu tajjeb għad-danni minnhom kkaġunati kif imfisser;*

6. *Illi l-esponenti bl-ebda mod ma kien responsabbli għall-inċident stradali msemmi;*

***Talbiet***

*Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess illi ġarrab r-rikorrent;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000) jew somma oħra verjuri, occorendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallas lir-rikorrent is-somma ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000), jew somma oħra verjuri.*[4]

*Bl-ispejjeż tal-preżenti u dawk tal-ittra uffiċjali preżentata llum kontestwalment ma' dan l-att għan-notifika tal-assikurazzjoni tal-intimat, bl-imgħax skont il-liġi kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Joseph Dorian Fava** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut Fava") li ġiet ippreżentata fil-15 ta' Mejju, 2015, li biha eċċepixxa dan li ġej:

***A. <u>Eċċezzjonijiet</u>***

[4] Mar-Rikors Maħluf ġew ippreżentati sett ritratti tal-vettura danneġġjata tal-attur *a fol.* 17 sa 21.

1. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda billi l-inċident mertu tal-kawża ma ġarax b'tort tas-sewwieq tal-vettura bin-numru ACC 635 Meir Assouline iżda b'tort tal-attur Joseph Azzopardi minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur meta kien qed isuq il-vettura bin-numru JAZ 012 u baqa' dieħel fil-vettura bin-numru ACC 635, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża.*

2. *Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-każ de quo il-konvenut Joseph Dorian Fava ma jistax jiġi ritenut responsabbli għad-danni sofferti mill-attur, u għalhekk it-talbiet attriċi huma legalment insostenibbli fil-konfront tal-konvenut Joseph Dorian Fava.*

3. *Illi, subordinarjament u mingħajr prejudizzju għas-suespost, l-attur Joseph Azzopardi għandu jġib prova tal-ammont ta' danni minnu sofferti.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.*

***B. <u>Dikjarazzjoni tal-fatti</u>***

1. *Illi l-fatti dikjarati mill-attur fl-ewwel paragrafu tar-rikors ġuramentat huma ikkontestati billi l-inċident mertu tal-kawża tal-20 ta' Novembru, 2014 ma seħħx b'tort tas-sewwieq tal-vettura bin-numru ACC 635 Meir Assouline iżda b'tort tal-attur Joseph Azzopardi minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur meta kien qed isuq il-vettura bin-numru JAZ 012 u baqa' dieħel fil-vettura bin-numru ACC 635, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża.*

2. *Illi l-fatti dikjarati mill-attur fit-tieni paragrafu tar-rikors ġuramentat huma ikkontestati billi fil-każ de quo l-esponenti ma kellu ebda obbligu jara illi s-sewwieq tal-vettura ACC 635 Meir Assouline kien debitament kopert b'polza ta' assigurazzjoni u l-esponenti ma jistax jiġi ritenut responsabbli għad-danni sofferti mill-attur. Għandu jingħad ukoll illi fil-mument tal-inċident il-vettura ACC 635 kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni maħruġa minn Citadel*

*Insurance plc iżda l-konvenut Meir Assouline ma kienx għadu kiseb kopertura assigurattiva għalih taħt polza ta' assigurazzjoni.*

3. *Illi għar-rigward il-fatti dikjarati mill-attur fit-tielet paragrafu tar-rikors ġuramentat, dejjem subordinarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur Joseph Azzopardi għandu jġib prova tal-ammont ta' danni minnu sofferti.*

4. *Illi l-fatti dikjarati mill-attur fir-raba' u fis-sitt paragrafu tar-rikors ġuramentat huma ikkontestati billi l-inċident mertu tal-kawża seħħ unikament b'tort tal-attur Joseph Azzopardi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut l-ieħor **Meir Assouline** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut Assouline") li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Ġunju, 2015, fejn eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom għalhekk jiġu respinti stante li l-inċident tat-traffiku de quo ma kienx imputabbli għal xi ħtija jew nuqqas da parti tal-esponent Meir Assouline iżda seħħ unikament bi ħtija tar-rikorrent Joseph Azzopardi stess kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

2. *Għalhekk, fejn jirrigwarda l-esponent m'hemmx danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrent. Mingħajr preġudizzju għall-premess u fi kwalunkwe każ, il-quantum tad-danni pretiżi mir-rikorrent huwa kontestat u għandu jiġi pruvat skont il-liġi.*

3. *Għaldaqstant, m'hemmx lok għall-kundanna tal-esponent għall-ħlas ta' danni favur ir-rikorrent.*

4. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mill-liġi u bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti fl-udjenza tal-1 ta' Lulju, 2015, fejn laqgħet *in parte* t-talba tal-konvenut Assouline biex l-atti jsiru bl-ilsien Ingliż, u dan limitatament għall-għoti u ġbir tax-xhieda safejn il-Qorti ma tipprovdix mod

ieħor u sa fejn ix-xhud ma jiddikjarax li ma jafx jitħaddet jew ma jħossux komdu jitkellem bl-Ingliż.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta' April, 2017, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attur jippretendi li għandu jiġi riżarċit id-danni fis-somma ta' €22,000 jew somma oħra verjuri, li huwa sofra fil-vettura tiegħu Mercedes Benz A 180, numru ta' reġistrazzjoni JAZ 012 wara ħabta mal-vettura Mercedes Benz CLS 320 CDI Auto bin-numru ta' reġistrazzjoni ACC 635 tal-konvenut Joseph Dorian Fava, li però waqt l-inċident kienet qed tinstaq mill-konvenut l-ieħor Meir Assouline. L-attur isostni li r-responsabbiltà esklussiva għall-inċident hija tal-konvenut Assouline u anki ta' sid il-vettura l-konvenut Fava, għax jirriżulta li dan kien ħalla lill-konvenut Assouline isuq il-vettura meta din ma kinitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni skont il-liġi. L-inċident seħħ fl-20 ta'

Novembru, 2014 għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħaxija, fi Triq Bella Vista, San Ġwann. L-attur kien waħdu fil-vettura filwaqt li l-konvenut Assouline kellu passiġġiera, ċerta Donna Ohayon u ċertu David Marciano.

Il-konvenut Fava jikkontendi li l-inċident seħħ b'tort tal-attur u li hu bħala sid tal-vettura ma kellu ebda obbligu li jara li s-sewwieq, il-konvenut Assouline, kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni.

Il-konvenut Assouline, li waqt il-ħin tal-inċident kien qed isuq il-vettura ACC 635, jeċċepixxi li l-inċident ma kienx imputabbli għal xi ħtija jew nuqqas tiegħu imma seħħ unikament b'tort tal-attur u li għalhekk ma hemmx lok għal kundanna kontrih għal ħlas ta' danni.

Il-kwistjoni kollha f'din il-kawża tinkwadra ruħha primarjament fuq (i) min kien responsabbli għall-inċident inkwistjoni; (ii) il-valur tal-ħsarat fil-vettura tal-attur; (iii) u f'każ li tiġi attribwita xi responsabbiltà għall-inċident lill-konvenut Assouline, jekk il-konvenut Fava, sid il-vettura, għax din kienet għadha reġistrata fuqu minkejja li kien biegħha lill-konvenut Assouline li kien qed isuq il-vettura waqt l-inċident, għandux ukoll xi responsabbilità għad-danni sofferti mill-attur.

**<u>Provi u riżultanzi dwar ir-responsabbiltà</u>**

Illi skont ir-R*oad Traffic Accident Insurance Report*[5] ippreżentat mill-attur Joseph Azzopardi flimkien mar-Rikors Maħluf, hu kien stqarr mal-Pulizija eżatt

[5] *A fol.* 5 sa 11.

wara l-inċident[6] li hu kien ġej mid-direzzjoni ta' San Ġwann sejjer lejn Mater Dei u kif dar il-liwja fit-triq sab il-vettura l-oħra ma' wiċċu dieħla fih *head on* u biex jipprova jevitaha, dar lejn in-naħa tal-bankina, tkaxkar mal-bankina u spiċċa fuq il-bankina bid-daqqa li qala'.

Fl-affidavit tiegħu[7], l-attur **Joseph Azzopardi** jispjega li hekk kif kien fi Triq Bella Vista, li hi b'żewġ karreġġjati kontra xulxin, fejn tibda liwja li sejħila "*sharp bend"*, naqqas l-i*speed* għal madwar 40 jew 50 kph, u kien qed isuq bit-*third gear* meta beda jdur il-liwja. Hemmhekk lemaħ il-*headlights* ta' vettura oħra ġejjin għal fuqu fil-karreġġjata tiegħu. L-attur ipprova jiġbed aktar fuq ix-xellug tant li kaxkar ir-roti tax-xellug mal-bankina, iżda l-vettura l-oħra xorta laqtitu. Bid-daqqa, ir-rota ta' quddiem fuq in-naħa tas-sewwieq inqalgħet, intefħu l-*airbags* u l-vettura tiegħu ħalliet brix fuq il-wiċċ tat-triq fil-*lane* tiegħu kif jixhed ir-ritratt *a fol.* 56 tal-proċess. Il-vettura tiegħu fuq tliet roti daret fuq il-lemin u spiċċat daħlet fuq il-bankina tan-naħa l-oħra għal ġo ħajt baxx li hemm mal-bankina fuq in-naħa tax-xellug tat-triq.[8] L-attur wera wkoll permezz ta' ritratti *a fol.* 58 tal-proċess ir-roti tax-xellug tal-vettura tiegħu li kellhom il-marki fejn tkaxkar mal-bankina biex jipprova jevita l-ħabta. L-attur isostni li r-rota ta' wara tan-naħa tal-passiġġier ġarrbet aktar ħsara għax bis-saħħa tal-impatt, in-naħa ta' wara tal-vettura tiegħu ġiet imbuttata b'aktar saħħa mal-bankina u b'riżultat ta' dan din ir-rota anki telgħet fuq il-bankina. L-attur wera wkoll permezz tar-ritratti li jinsabu esebiti *a fol.* 59 u 60 kif ir-rota ta' quddiem fuq in-naħa tas-sewwieq kienet kompletament maqlugħha u kif l-impatt fuq il-vettura tiegħu kien prinċipalment fuq dik in-naħa.

---

[6] *A fol.* 6.
[7] *A fol.* 51 sa 54.
[8] Kif jidher fir-ritratti *a fol.* 56 u 57 annessi mal-affidavit tal-attur.

In kontroeżami l-attur jispjega[9] li l-liwja sejħilha *"sharp bend"* għax meta tkun qed iddurha, għalkemm twila, tifforma liwja ta' disgħin grad. L-attur ikkonferma li f'din il-liwja huwa kien naqqas il-veloċità għal 40 sa 50 kph u ftit qabel kien b'xi 60 kph. Joseph Azzopardi jgħid li dak il-ħin it-triq kienet prattikament vojta u jgħid li induna bil-*headlights* tal-vettura l-oħra meta din kienet it-tul ta' tliet jew erba' vetturi 'l bogħod minnu fil-karreġġjata tiegħu. Il-vettura l-oħra ppruvat tmur fuq il-lemin għall-karreġġjata tagħha u hu għax-xellug tiegħu, però xorta waħda ħabtu. Kif ħabtu l-attur dar u spiċċa fuq il-karreġġjata l-oħra u l-vettura l-oħra spiċċat fuq il-karreġġjata tax-xellug. Il-karozzi spiċċaw xi 37 metri 'l bogħod minn xulxin wara l-impatt. Meta sarulu domandi fuq ir-ritratti li ġew eżebiti mill-konvenut Assouline[10], l-attur spjega fejn fir-ritratt *a fol.* 138 ir-rota tal-vettura tiegħu tidher imqaċċta u qiegħda fuq il-karreġġjata tiegħu u fejn fir-ritratt *a fol.* 140[11] pjanċa bajda mill-vettura tiegħu qiegħda fuq il-karreġġjata tiegħu u li ġiet immarkata bl-ittra "A".

Sussegwentement l-attur reġa' xehed[12] biex jiċċara li r-rota li tidher mqaċċta viċin il-vettura li kienet misjuqha mill-konvenut, kienet ir-rota tiegħu ta' quddiem tan-naħa tal-lemin. L-attur jgħid ukoll li peress li l-karozza tiegħu spiċċat fuq tliet roti, din barxet il-karreġġjata tiegħu kif jidher fir-ritratt *a fol.* 56, fejn tidher ukoll il-vettura tiegħu li spiċċat fuq il-karreġġjata tal-konvenut. Xehed ukoll **Natalino Agius**, li kien is-*surveyor* inkarigat mill-assigurazzjoni tal-konvenut Fava[13], li kkonferma li l-ħsarat fuq iż-żewġ vetturi kienu t-tnejn fuq

[9] *A fol.* 144 sa 147.
[10] *A fol.* 137 sa 140.
[11] Xhieda *a fol.* 146 *retro*.
[12] *A fol.* 150.
[13] *A fol.* 74.

il-lemin tagħhom u jgħid li *"both vehicles had their right side wheel set back as if there was a misjudgement of distance..."*.

Fil-fatt skont ir-*Road Traffic Accident Insurance Report*[14] ippreżentat mill-attur mar-Rikors Maħluf tiegħu u mill-*Full Road Traffic Accident Report* ippreżentat mill-Ispettur **Nikolai Sant**[15], jirriżulta li l-ħsarat viżibbli fid-data tal-inċident taż-żewġ vetturi kienu t-tnejn fuq il-*front bumper, il-front right door, il-front right wing, il-front right wheel u r-right headlight,* u fuq il-vettura misjuqha mill-konvenut kien hemm ukoll ħsarat fil-*bonnet,* fil-*front windscreen* u fil-*back right door.*

Skont il-*Full Road Traffic Accident Report* jirriżulta li l-konvenut Meir Assouline stqarr mal-Pulizija ftit wara l-inċident[16] li kien qed isuq biex jiġi ħdejn ir-*roundabout* ta' San Ġwann u f'ħin minnhom il-vettura l-oħra daħlet ġo fih. Fl-istess rapport il-passiġġiera li kellu miegħu, Donna Ohayon stqarret mal-Pulizija[17] li hi kienet fuq is-*seat* ta' wara tal-vettura misjuqha mill-konvenut Meir Assouline u kienu telgħin lejn ir-*roundabout* ta' San Ġwann u kulma tiftakar hu li fid-dawra ġie xi ħadd sparat u daħal fil-karozza tagħhom.

Fix-xhieda tiegħu l-konvenut **Meir Assouline**[18] jgħid li fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ACC 635 kienu hu, it-tfajla tiegħu Donna Ohayon fuq wara u l-*business partner* tiegħu li semma ismu biss bħala David, maġenbu quddiem. Il-konvenut jgħid li fi Triq Bella Vista hu kien qed isuq b'veloċità ta' madwar 55 sa 60 kph u kien fil-karreġġjata tiegħu u hekk kif ġie fil-liwja li qiegħda għat-

[14] *Ibid.*
[15] *A fol.* 123 sa 120.
[16] *A fol.* 129.
[17] *A fol.* 127.
[18] *A fol.* 134 sa 136.

telgħa, ra karozza ġejja min-naħa l-oħra bi *speed* qawwi ġejja viċin ħafna tagħhom u f'affari ta' sekonda jew tnejn din il-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni JAZ 102 daħlet fihom b'saħħa kbira u laqtithom fuq quddiem fuq in-naħa tal-lemin tal-karozza tiegħu. Minħabba f'hekk huwa spiċċa tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu li spiċċat fuq il-bankina tan-naħa l-oħra tat-triq kif jidher fir-ritratt esebit minnu *a fol.* 137. Il-konvenut Assouline jgħid li kien l-attur li invada l-karreġġjata tiegħu tant li fir-ritratt *a fol.* 137 jidhru *brake marks* tal-vettura tiegħu fil-karreġġjata tal-konvenut Assouline. Il-konvenut Assouline jinnega li kien hu li invada l-karreġġjata tal-attur u jgħid li mhux minnu li l-attur kien qed isuq bi *speed* ta' bejn 40 u 50 kph għax l-attur tant kien qed isuq, li mal-impatt tilef il-kontroll u spiċċa xi 20 metru 'l bogħod fuq il-karreġġjata opposta. Il-konvenut Assouline jgħid ukoll li l-brix li jidher fuq il-karreġġjata tal-attur fir-ritratt esebit mill-attur *a fol.* 56, sar wara l-impatt meta l-attur tilef il-kontroll ukoll u l-ewwel lewa lejn il-karreġġjata tiegħu stess u mbagħad spiċċa fil-karreġġjata opposta, fuq il-bankina u ġol-ħajt.

Il-konvenut Assouline esebixxa wkoll ritratti[19] li juru l-*brake marks* tiegħu jaqsmu wara l-impatt għall-karreġġjata tal-attur u huwa għalhekk li jsostni li qabel l-impatt huwa kien fil-karreġġjata tiegħu. Il-konvenut Assouline jgħid li wara l-impatt l-attur, li wkoll kien fi stat ta' *shock,* skuża ruħu miegħu għal dak li kien ġara.

Xehdet ukoll **Donna Ohayon**[20] li kienet passiġġiera fuq wara tal-vettura misjuqha mill-konvenut Assouline meta seħħ l-inċident. Din ix-xhud tgħid li meta kienu fil-liwja fi Triq Bella Vista hekk kif resqin lejn ir-*roundabout* ta' San

---

[19] *A fol.* 138 sa 140.

[20] Affidavit *a fol.* 142.

Ġwann, rat dwal qawwija resqin lejhom mill-faċċata bi *speed* kbir ħafna u fi ftit sekondi din il-vettura daħlet fihom. Ix-xhud tgħid li din l-vettura invadiet il-karreġġjata tagħhom u tgħid ukoll li l-vettura tagħhom fl-ebda mument ma qasmet il-linja tan-nofs tat-triq u invadiet il-karreġġjata tan-naħa l-oħra tat-triq. Donna Ohayon tgħid li bl-impatt il-konvenut Assouline tilef il-kontroll tal-karozza u spiċċaw fuq il-bankina fin-naħa l-oħra tat-triq. Ix-xhud tgħid li kienet fi stat ta' *shock* għax mal-impatt ħabtet rasha, inkissrilha n-nuċċali, kellha wiċċha kollu demm u kisret imneħirha.

Xehed ukoll **David Marciano**[21], li kkonferma li fil-mument tal-inċident huwa kien bilqiegħda ħdejn ix-xufier, il-konvenut Assouline u riekba wara kien hemm Donna Ohayon. Ix-xhud jgħid li hekk kif kienu qegħdin fl-liwja telgħin 'il fuq fi Triq Bella Vista, San Ġwann, u l-konvenut Assouline kien qed isuq fuq ix-xellug b'xi 50 kph, mill-faċċata sema' u ra karozza ġejja bi *speed* qawwi. Ix-xhud jgħid li minħabba l-i*speed* eċċessiv, fil-liwja din il-vettura daħlet fil-karreġġjata tagħhom u ħabtet magħhom quddiem fuq in-naħa tal-lemin, meta x-xhud għalaq għajnejh u spiċċaw daħlu f'ħajt mal-bankina tan-naħa l-oħra tat-triq. Il-vettura l-oħra spiċċat fuq in-naħa opposta tat-triq. Ix-xhud ikkonferma li r-ritratti li esebixxa l-konvenut Assouline[22] kienu ttieħdu eżatt wara l-inċident. In kontroeżami, mistoqsi għaliex ma għamilx stqarrija lill-Pulizija, ix-xhud jgħid li apparti li huwa kien fi stat ta' *shock,* huwa kien qiegħed jieħu ħsieb Donna Ohayon sakemm ħaditha l-ambulanza.

[21] *A fol.* 154 sa 161.
[22] *Ibid.*

**Provi u riżultanzi dwar danni**

L-attur, **Joseph Azzopardi** mar-Rikors Maħluf tiegħu ppreżenta kopja tal-*Insurance Survey Report* li sar mis-surveyor Natalino Agius[23] dwar il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JAZ 102, fejn jirriżulta li biex tissewwa din il-vettura kien hemm bżonn ta' għadd sostanzjali ta' *spare parts* tal-valur totali ta' €22,500. Natalino Agius ikkalkula li kienu meħtieġa wkoll li jsiru xogħlijiet ta' tiswija fis-somma ta' €4,517.51 u inkluda il-kiri ta' vettura b'rata *standard* ta' €14 kull jum għal 15-il ġurnata - €210. Dawn l-ispejjeż kif ġew stmati mis-*surveyor* Natalino Agius jammontaw għas-somma komplessiva ta' €27,227.51.

Fix-xhieda tiegħu l-attur jgħid li l-għada tal-inċident huwa kien ħa l-vettura tiegħu għand Kind's, ċjoè AutoSales Limited biex jagħtuh stima ta' kemm tiġi tiswa biex tittranġa l-vettura tiegħu. Hu fil-frattemp irċieva s-*surveyor's report* ta' Natalino Agius, li kien sar fuq inkarigu ta' Victoria Insurance, ċjoè l-assigurazzjoni tal-vettura l-oħra. Sussegwentement huwa biegħ il-vettura tiegħu kif kienet bil-ħsarat li kellha lil Rocky Auto Dealer ta' Valley Road, Msida għall-prezz ta' €6,000.[24] Għalhekk qiegħed jitlob danni fis-somma ta' €22,000, u ċjoè l-ammont tal-ħsarat skont is-*survey* ta' Natalino Agius wara li titnaqqas is-somma li rċieva mingħand Rocky Auto Dealer. L-attur spjega wkoll li kien xtara l-vettura sena qabel l-inċident mingħand Auto Sales (Mer) Limited għas-somma ta' €34,000[25] u ppreżenta kopja tar-*renewal notice* tal-assigurazzjoni ta' din il-vettura bir-*renewal date* l-1 ta' Novembru, 2014[26], b'*estimated market value* ta' €32,800.

[23] *A fol.* 12 sa 15.
[24] Kopja tal-irċevuta datata 4 ta' Marzu, 2015, *a fol.* 64.
[25] Kopja tal-*provisional sales agreement a fol.* 61 u 62.
[26] *A fol.* 63.

Xehed ukoll is-*surveyor* **Natalino Agius**[27] li kkonferma *s-survey report* esebit mill-attur li kien inkarigat jagħmel minn Victoria Insurance Agency, ċjoè l-assigurazzjoni tal-konvenut Fava.

Xehed ukoll l-Avukat **Dr Philip Manduca**[28] li esebixxa d-dokumentazzjoni kollha li kellha Auto Sales (Mer) Limited dwar il-vettura tal-attur, inkluż kopja tad-dokumenti li esebixxa l-attur.

Xehed ukoll **Joseph Azzopardi**, missier l-attur[29], li kkonferma l-firma tiegħu fuq l-irċevuta ta' Rocky Auto Dealer, għax kien hu li ħa l-vettura stante li ibnu, l-attur, kien ikun xogħol sa tard filgħaxija. Xehed ukoll **Daryl Grima**[30], sid il-kumpannija Rocky Auto Dealer li kkonferma l-firma tiegħu fuq l-irċevuta u l-prezz li ħallas għaliha lill-attur ta' €6,000.

Mix-xhieda ta' **Tonio Montesin**[31], *Managing Director* tas-soċjetà Victoria Insurance Agency Limited, jirriżulta li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ACC 635 fl-20 ta' Novembru, 2014 kienet assigurata fuq il-konvenut Joseph Dorian Fava u għalkemm l-assikurazzjoni kienet tiskadi fil-31 ta' Jannar, 2015, kellha kundizzjoni li l-vettura tista' tinstaq biss mill-konvenut Joseph Dorian Fava u ċertu Keith Fava u esebixxa d-dokumentazzjoni relattiva *a fol.* 115 u 116 tal-proċess.

---

[27] *A fol.* 73 sa 75.
[28] *A fol.* 76 u 77.
[29] *A fol.* 111 u 112.
[30] *A fol.* 118 sa 12.
[31] *A fol.* 113 u 114. Ara wkoll *e-mail a fol.* 16 ippreżentata mill-attur, fejn Tonio Montesin informa lir-rappreżantanta tal-kumpannija Middlesea, li fil-mument tal-inċident il-polza tal-konvenut Joseph Dorian Fava ma' Victoria Insurance Agency Limited ma kinitx operattiva minħabba li s-sewwieq ta' dik il-vettura meta seħħ l-inċident ma kienx kopert bil-polza.

Il-konvenut **Meir Assouline** fl-affidavit tiegħu[32] jgħid li kien xtara l-vettura xi ftit ġranet qabel l-inċident mingħand il-konvenut Joseph Dorian Fava, iżda kien għadu ma sarx it-*transfer* mal-Awtorità tat-Trasport f'Malta u qal li waqt li kien jaf li l-vettura kienet assigurata ma' Citadel Insurance p.l.c. sal-aħħar ta' Jannar, ma kienx jaf li ma kinitx tkoprih, u sar jaf b'dan wara l-inċident.

Il-konvenut l-ieħor **Joseph Dorian Fava**[33] xehed illi kien ċempillu l-konvenut Assouline hekk kif seħħ l-inċident u huwa kien mar fuq il-post tal-inċident. Huwa kien biegħ il-vettura lil Meir Assouline xi għaxart ijiem qabel l-inċident, però ma kienx laħaq sar it-*transfer.* Fava jsostni li min-naħa tiegħu l-vettura kienet assigurata kif suppost. Fil-fatt fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa mar-Risposta Maħlufa tiegħu[34], il-konvenut Fava jsostni li hu ma kienx obbligat li jara li s-sewwieq tal-vettura kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni.

Prodott in kontroeżami mill-konvenut Assouline[35], fuq mistoqsija illi mid-dokumenti uffiċjali jirriżulta li qatt ma kien hemm trasferiment lil Meir Assouline imma lil ċertu Clinton Farrugia, il-konvenut Fava jgħid li eventwalment it-*transfer* lil Meir Assouline baqa' ma sarx għax wara l-inċident il-vettura kienet *total loss* u kellu kwistjoni miegħu u eventwalment inbiegħet direttament lill-persuna msemmija[36] fit-18 ta' Awwissu 2015, li xtraha bħala *wreck.*

[32] *A fol.* 136.
[33] *A fol.* 151 u 152.
[34] Para. 2, *a fol.* 31.
[35] *A fol.* 172 sa 174.
[36] Proprjament Farr, mhux Farrugia.

**Stephen Cachia**, ir-rappreżentant tal-Awtorità tat-Trasport f'Malta[37] kkonferma li l-vettura Mercedes Benz ACC 635 kienet reġistrata fuq Joseph Dorian Fava bejn il-31 ta' Lulju, 2014 sat-18 ta' Awwissu, 2015 meta ġiet trasferita lil Clinton Farr.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi kwantu għall-kweżit dwar min kien effettivament responsabbli għall-inċident *de quo*, il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin. L-attur jgħid li l-konvenut Assouline kien qed isuq fil-karreġġjata żbaljata u minħabba il-liwja pjuttost qawwija, u ż-żewġ partijiet jaqblu li fil-fatt kienet liwja pjuttost qawwija, meta raw lil xulxin ma kienx hemm biżżejjed żmien biex il-vettura misjuqha mill-konvenut tilħaq ddur għal fuq in-naħa tagħha u l-attur ma kellux spazju li jersaq iktar 'il ġewwa fil-karreġġjata tiegħu, b'parti mill-vettura tal-konvenut għadha ma ħarġitx mill-karreġġjata tal-attur.

Illi min-naħa tiegħu l-konvenut Assouline jikkontendi li kien l-attur li fil-liwja rah ġej bi *speed* qawwi u f'daqqa waħda kiser għall-karreġġjata tiegħu u saret il-ħabta. Din il-verżjoni tal-konvenut Assouline hija kkorroborata minn Donna Ohayon, passiġġiera fis-*seat* ta' wara tal-vettura misjuqha mill-konvenut Assouline fil-mument tal-inċident. Din il-verżjoni hija kkorraborata wkoll minn David Marciano, passiġġier li kien fis-seat ta' quddiem fil-vettura misjuqha mill-konvenut Assouline, li tfaċċa fil-kawża għax ma jissemmiex fir-rapport tal-Pulizija bħala passiġġier. Fir-rapport tal-Pulizija tissemma biss Donna Ohayon

[37] *A fol.* 165.

u dan minkejja iż-żmien twil li damu l-pulizija fuq il-post tal-inċident, in vista tal-fatt li Donna Ohayon kellha tittieħed l-isptar, u l-ewwel jiġi kkonfermat l-estent tal-feriti li kellha, jiġu ċċertifikati mit-tabib tal-Emerġenza u wara jitħallew jitilqu l-partijiet.

Il-każ odjern jikkomplika ftit aktar ruħu tenut kont tal-fatt li r-*Road Traffic Accident Report* mhuwiex daqstant ta' għajnuna sabiex tiġi stabbilita l-kawża immedjata tal-inċident. Fl-iskizz tal-Pulizija[38] hemm indikat li ż-żewġ vetturi wara l-ħabta spiċċaw fil-karreġġjata opposta, madwar 30 metru 'l bogħod minn xulxin.

Rinfaċċjata b'tali sitwazzjoni u verżjonijiet hekk dijametrikament opposti għal xulxin, il-Qorti trid bilfors tirrikorri għall-indizji oħra, bħal konsistenza fix-xhieda, verisomiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi u anki preponderanza tal-probabbiltajiet li jistgħu jnisslu ċertezza morali fil-ġudikant meta jiġi biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Iżda filwaqt li l-korroborazzjoni permezz ta' xhieda oħra f'ħafna każijiet tista' timmilita favur teżi fuq oħra, jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn xhieda ta' persuna waħda kontra diversi xhieda, jekk emmnuta mill-Qorti, xorta waħda tista' tkun deċiżiva.

Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[39] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza

[38] *A fol.* 4.
[39] **Borg *vs*. Bartolo,** App. Inf., 25.06.1980.

ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet.[40] Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin; anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti.

Illi kif kien ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia *vs.* Rokku Farrugia**[41]:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe vs.* Victor Sammut** irreteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' verżjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-

[40] Ara wkoll **Caruana *vs.* Laurenti**, P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** App. Kumm., 25.02.1952.
[41] Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran P.A., 24.11.1966.

teżijiet konfliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.[42]"

Illi fil-fatt fis-sentenza **Brigitte Vella *pro et noe vs.* Richard Vella**[43] ġie ritenut li:

"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[44] fejn ingħad illi:

[42] Ara wkoll **Dr. Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.
[43] Q.A., 05.10.2001.

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti abbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."

[44] App. Inf., 12.04.2007.

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino** *pro et noe* ***vs.*** **Joseph u Charles Fino**[45] ngħad ukoll:

"Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs*. Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs*. Petrococchino**, Qorti tal-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs*. C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet".

Tqis fl-aħħar nett il-prinċipju legali li jekk xhud wieħed jiġi emmnut, dan jista' jkun biżżejjed għall-Qorti. Wara kollox anki fil-kamp tad-dritt kriminali fejn il-livell ta' konvinċiment fil-ġudikant mhux biżżejjed li jkun ibbażat fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, imma irid ikun ogħla minn hekk u lil hinn minn kull dubju ddettat mir-raġuni, xhud wieħed jista' jkun biżżejjed, jekk jikkonvinċi lill-Qorti dwar il-kredibilità tax-xhieda tiegħu:[46]

"Issa, ix-xiehda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut, hija biżżejjed biex tikkostitwixxi prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar[47]. U kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*.[48]

[45] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.
[46] Qorti tal-Appell Kriminal, 28.09.2006, fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Marco Bugeja**.
[47] Ara l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[48] Ara wkoll Appell Kriminali ***The Police vs*. Graham Charles Ducker,** 19.05.1957.

Illi l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 fil-fatt jgħid:

> "… f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."

Tali kunsiderazzjoni legali għandha tapplika aktar u aktar fil-kamp tad-dritt ċivili fejn il-livell ta' konvinċiment fil-ġudikant biżżejjed li jkun ibbażat fuq bilanċ ta' probabbiltajiet.[49]

Applikati dawn il-prinċipji ġuridiċi li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna għall-fattispeċji tal-kawża odjerna, tqis illi il-verżjoni tal-attur baqgħet konsistenti mill-mument tal-inċident meta għamel l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija u tul is-smigħ kollu tal-kawża. Min-naħa tiegħu l-konvenut Meir Assouline kulma stqarr mal-Pulizija eżatt wara l-inċident kien li "kont qed insuq biex niġi fejn ir-*roundabout* ta' San Ġwann u f'ħin minnhom il-vettura l-oħra daħlet ġol-vettura tiegħi." Dwar l-i*speed* eċċessiv tal-attur u kif dan f'mument minnhom daħal fil-karreġġjata tiegħu, il-konvenut Meir Assouline ftakar dwar dan wara li ġiet intavolata din il-kawża. Fix-xhieda tiegħu f'din il-kawża, il-konvenut Meir Assouline jgħid li l-attur saħansitra skuża ruħu miegħu eżatt wara l-inċident, bħal donnu ried jimplika li f'dak il-mument l-attur ried jammetti miegħu t-tort, iżda xi ħaġa importanti bħal din ma semmihiex wara l-inċident fl-istqarrija li għamel lill-Pulizija. L-istess konvenut jgħid fl-affidavit tiegħu biex donnu jipprova jissostanzja l-verżjoni tiegħu li:

[49] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **Alfred Aquilina *et vs.* L-Avukat Dottor Alessandro Lia *et noe et,*** 13.03.2017.

> *"The Mercedes JAZ 012 ended up on the pavement on my side of the road......I must point out that Joseph Azzopardi lost his wheel on impact with my vehicle on my side of the road.... The scratchmarks .... happened after he already lost control of his vehicle after it had impacted with my vehicle and swerved in a circular way first back onto his side of the road (leaving the scratchmarks) and then straight into the wall...."*

Tqis illi mhux biss hu inverosimili imma anki impossibli li wara l-impatt il-konvenut Meir Assouline seta' jkompli josserva x'kien qed jiġri warajh filwaqt li hu kien qed jipprova jikkontrolla l-vettura tiegħu, li *del resto* ma rnexxilux għax daħal ukoll f'ħajt mal-bankina tal-karreġġjata l-oħra.

Anki Donna Ohayon fix-xhieda li tat fil-kawża odjerna, irnexxielha tiftakar ferm aktar milli kienet ftakret fl-istqarrija li għamlet l-isptar lill-pulizija li ttraduċa fir-rapport tiegħu dak li kienet qaltlu illi "kulma niftakar fid-dawra ġie xi ħadd sparat u daħal fil-karozza tagħna." Bħala passiġġiera fis-*seat* ta' wara fil-vettura tal-konvenut Assouline, fil-ħdax u nofs ta' billejl mhux lakemm tosserva eżattament x'qed jiġri fuq in-naħa ta' quddiem. Però fl-affidavit tagħha tidħol f'ċertu dettall u tgħid li l-vettura l-attur invadiet il-karreġġjata tagħhom u li l-vettura tagħhom kienet il-ħin kollu fil-karreġġjata t-tajba sakemm seħħet il-ħabta. Il-Qorti ma tistax tagħti affidabilità lil din ix-xhieda u lanqas lix-xhieda ta' David Marciano li fil-mument opportun ma kien qal xejn lill-Pulizija, iżda ta l-verżjoni tiegħu l-ewwel darba fil-Qorti biex jikkontradixxi dak li kien qal l-attur fix-xhieda tiegħu.

Elementi oħra indikattivi jirriżultaw mir-ritratti esebiti mill-attur: (a) bħall-barxa friska fil-karreġġjata tal-attur ikkaġunata mill-vettura tiegħu stess għax mal-impatt din spiċċat fuq tliet roti, apparti li mhuwiex minnu li l-konvenut

seta' jara l-vettura tal-attur wara l-ħabta reġgħet daħlet fil-karreġġjata tagħha; (b) il-brix fir-roti tax-xellug tal-vettura tal-attur li jikkorrobora dak li qal l-attur li spiċċa jagħfas fuq in-naħa tal-bankina tal-karreġġjata tiegħu; (ċ) il-*parts* kbar li waqgħu mill-vettura tal-attur fil-karreġġjata tal-attur, bħar-rota ta' quddiem u pjanċa bajda li jidhru fir-ritratti li ppreżenta l-konvenut Assouline. Tqis illi dawn huma kollha indizji li l-impatt sar fil-karreġġjata tal-attur u li għalhekk kienet il-vettura misjuqha mill-konvenut Assouline li invadiet il-karreġġjata tal-attur eżatt qabel u waqt l-impatt.

Fir-ritratti li esebixxa l-konvenut Meir Assoudine[50], li ttieħdu ftit wara l-impatt, jidhru *tyre marks* tal-vettura misjuqha mill-konvenut Assouline fuq il-karreġġjata tiegħu viċin il-linja l-bajda ta' bejn iż-żewġ karreġġjati, li mbagħad jidhru qed jaqsmu l-imsemmija linja bajda tan-nofs għall-karreġġjata l-oħra. Però wieħed ma jridx jinsa li bl-impatt, li seħħ aktar 'il fuq, il-vettura misjuqha mill-konvenut Assouline faċilment setgħet intefgħet kemm kemm lura fil-karreġġjata tagħha qabel ma spiċċat totalment fil-karreġġjata opposta.

Dwar il-possibbiltà li l-attur seta' kien qed isuq bi *speed* eċċessiv, għalkemm ma jirriżultax li kien hemm xi *brake marks* tal-vettura tal-attur, abbażi tal-konklużjoni li waslet għaliha din il-Qorti, li l-kawża prossima tal-inċident kienet il-pożizzjoni żbaljata li kienet fiha l-vettura misjuqha mill-konvenut Assouline, wieħed irid jara jekk tali veloċità tal-attur setgħetx b'xi mod ħolqot xi *self inflicted incapacity* fuq l-attur u minħabba f'hemm ma setax jevita tali inċident.

[50] *A fol.* 137 u 138.

Rigward l-i*speed eċċessiv* kif dan jista' jkun relatat mar-responsabbiltà o meno għal inċident tat-traffiku, jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Pace *et vs.* Antoine Bartolo *et***[51]:

"Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'veloċità eċċedenti l-i*speed* massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawża determinanti tal-kolliżjoni, huwa m'għandux jinstab responsabbili lanqas fi grad ta' kontributorjetà purche l-i*speed* tiegħu ma jkunx dak li jista' jissejjaħ "sfrenat". (**S. Mizzi *vs.* J. Grech** 23.03.72 u **A. Bartolo *vs.* K. Micallef** 16.02.73).

"Fil-każ in eżami l-konvenut ħalla *brakemarks* ta' 30 metru *plus* ħabat mal-ħajt imbagħad maż-żiemel u għollieh...... Iżda l-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dana l-każ, u minħabba l-fatturi ambjentali, l-i*speed* li kien għaddej bih tar-Renault ma kienx prudenti u kien hemm *self inflicted incapacity* li wasslet biex is-sewqan tiegħu kkontribwixxa u aggrava l-inċident.

*Speed* jista' jkun eċċessiv anke jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari iżda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument." App Krim **Pul. *vs.* R. Bugeja** 30.06.1962.....

Hu kellu jsuq b'mod li jista jwaqqaf il-karozza tempestivament. Il-*brakemarks* li ħalliet ir-Renault, id-daqqa mal-bankina u fuq iż-żiemel kollha jindikaw li hu ma kienx qed isuq bi *speed* prudenti f'dawk iċ-ċirkostanzi u minħabba f'hekk ma setgħax jirreaġixxi tempestivament meta sab l-ostakolu quddiemu. Din is-*self inflicted incapacity* aggravat l-inċident.

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li tar-Renault ikkontribwixxa għall-inċident iżda t-tort prinċipali ma kienx tiegħu iżda tal-Lada li kien il *causa causans* ta' l-inċident. Tar-Renault għandu jeħel kwart mit-tort billi jaħti inqas minn tal-Lada."

[51] Q.A., 25.09.2006.

Illi fil-każ odjern, bid-dinamika tal-inċident kif tirriżulta mill-provi prodotti, id-distanza fil-liwja fejn l-attur seta' jinduna bil-vettura l-oħra fil-karreġġjata żbaljata kienet tant qasira u limitata, li anki kieku *dato non concesso* l-attur kien qed isuq b'veloċità akbar minn dik li ammetta, dan il-fattur xorta ma setax jikkontribwixxi għall-ħabta għax bi *speed* ferm inqas, xorta kien fl-impossibilità li jevita l-inċident, għax ma kellux aktar spazju fejn seta' jimmanuvra għax-xellug tal-karreġġjata tiegħu milli kif kien diġà għamel.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Anna Stanley *vs.* Alan Zahra**[52] din il-Qorti kif diversament preseduta qalet hekk:

> "Ġie kostantement ritenut illi waqt li l-veloċità eċċessiva għal dik regolamentari, jekk tirriżulta ppruvata, tesponi lid-*driver* sija jekk dan ikun *main road user* u sija jekk ma jkunx, għal proċeduri kriminali kontra tiegħu għall-vjolazzjoni ta' regolamenti tas-sewqan appositi, tali veloċità eċċessiva fiha nfisha ma tistax titqies *a priori* bħala fattur determinanti għar-responsabbilità għall-inċident jew kontributorju għalih. Irid jiġi stabbilit sodisfaċentement illi l-veloċitaà eċċessiva kienet element determinanti li ipprovoka l-inċident u li tista' titqies bħala l-kawża prossima tal-akkadut".[53]

Din il-Qorti hija moralment konvinta li l-kawża prossima u esklussiva tal-inċident inkwistjoni kienet il-pożizzjoni fejn kien qed isuq il-konvenut Meir Assouline fil-karreġġjata żbaljata.

Kwantu għall-*quantum* tad-danni subiti mill-attur, l-oneru tal-prova jinkombi ovvjament fuq l-attur. *Del resto* l-Qorti trid tiddeċiedi skont il-liġi abbażi tal-

[52] 23.03.1993 (Kollez. Vol. LXXVII.iii.93).
[53] Ara wkoll **Mehmet Kasap *vs.* Edgar Ellul,** P.A., 30.10.1993; **Pierre Vella *vs.* John Schembri**, P.A., 02.10.2002; **Dottor Remigio Zammit Pace *noe et vs.* Carmen Grima**, Q.A., (Sede Inferjuri), 16.05.1997 (Kollez. Vol. LXXXI.ii.1037).

provi li jiġu mressqa quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li min jallega jrid jippruvah hu dak li jallega, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attur irid għalhekk jipprova l-ħsarat effettivament sofferti minnu.

L-attur ressaq din il-prova permezz tar-rapport tas-*surveyor* Natalilno Agius inkarigat mill-assigurazzjoni tal-konvenut Joseph Dorian Fava, fejn ġie stabbilit li l-valur tat-tiswijiet, tal-*parts* u tas-solitu perjodu konċess għal użu ta' vettura alternattiva waqt tali tiswijiet, kienu ta' madwar €28,000. Tenut kont li l-attur permezz tad-dokumentazzjoni maħruġa minn Autosales (Mer) Limited ressaq il-prova li l-vettura tiegħu kienet prattikament ġdida fil-mument tal-inċident[54] u permezz tar-*renewal notice* tal-assigurazzjoni tal-vettura tiegħu maħruġa fl-1 ta' Novembru, 2014, bl-*estimated market value* tagħha ta' €32,800[55], tqis li l-ammont mitlub mill-attur bħala danni huwa wieħed ġustifikat, wara li dan naqqas ukoll is-somma ta' €6,000[56] li daħħal mill-bejgħ tal-vettura bil-ħsarat fuqha wara l-inċident u għalhekk il-bilanċ rimanenti jammonta għas-somma ta' €22,000.

Kwantu għar-responsabbilità *o meno* ta' sid il-vettura, il-konvenut Joseph Dorian Fava, li biegħ l-vettura tiegħu lill-konvenut Meir Assouline ftit ġranet qabel l-inċident, fl-ewwel lok il-Qorti tqis illi m'għandhiex għalfejn ma temminx ix-xhieda tal-konvenut Fava, ikkorroborata wkoll mill-konvenut Assouline, li l-vettura inkwistjoni kienet effettivament mibjugħa li Assouline,

[54] Ara anki ix-xhieda tas-*surveyor* Natalino Agius.
[55] *A fol.* 63.
[56] Ara l-irċevuta ta' Rocky Audodealer, *a fol.*64 u l-konferma tas-sid tal-istess *dealership,* Darly Grima.

iżda kien għadu ma sarx it-*transfer* tagħha. Huwa minnu li mid-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta rriżulta li l-vettura kienet għadha fuq Joseph Dorian Fava u eventwalment it-*transfer* tagħha lill-konvenut Assouline baqa' ma sarx u l-vettura kienet ġiet trasferita fit-18 ta' Awwissu, 2015 lil Clinton Farr meta nbiegħet lilu bħala *scrap.* Tqis din l-ispjegazzjoni bħala plawżibbli, li wara l-inċident inqalgħet kwistjoni bejn iż-żewġ konvenuti u li l-konvenut Assouline kellu ripensament u ma ridx jikkonkludi t-trasferiment ta' karozza mkissra.

Illi b'dawn il-fatti kollha aċċertati u aċċettati, xejn minn dan ma jeżonera lill-konvenut Joseph Dorian Fava milli flimkien mas-sewwieq il-konvenut Meir Assouline jiġi kkundannat *in solidum* għall-ħlas tad-danni sofferti mill-attur. Filwaqt li l-abbli avukat tal-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha għamlet riferiment ampju għall-każistika tal-Qrati tagħna[57] dwar meta sid ta' vettura iħalli persuna mhux koperta bil-polza tal-assikurazzjoni tuża l-vettura tiegħu, il-konvenut Joseph Dorian Fava isostni li hu effettivament biegħ il-vettura tiegħu lit-terz Meir Assouline,iżda kien għad fadal biss isir it-trasferiment. Fid-dikjarazzjoni tiegħu mar-Risposta Maħlufa, il-konvenut Joseph Dorian Fava jgħid li hu ma kienx obbligat li jara li s-sewwieq tal-vettura kienx effettivament kopert b'polza ta' assigurazzjoni.[58] Din l-asserzjoni tal-konvenut Fava però mhijiex korretta lanqas għax legalment sid il-vettura kien tenut li jiżgura li ħadd ma jsuq il-karozza reġistrata f'ismu sakemm tkun hekk reġistrata u dan japplika mhux biss meta sellef il-vettura lil xi ħadd mhux kopert bil-polza, iżda

[57] **David Scerri *et vs.* Anthony Ciantar *et,*** P.A., 03.10.2003; **Marthese Vella *et vs.* Karl *sive* Carlo Mario Micallef***,* P.A., 27.03.2014; **Carmelo Schembri *vs.* John A. Davies *et***, P.A., 24.06.1955; **Av. Franz Refalo *noe. vs.* Paul Caruana**, 05.10.1995 u **Laura Formosa *et vs.* Emanten Spiteri *et***, P.A., 28.04.2005, u Q.A., 28.11.2008.

[58] Skont Tonio Montesin, *managing director* tas-soċjetà assiguratriċi tal-vettura tal-konvenut Fava, li ppreżenta kopja tal-polza tal-assigurazzjoni, għalkemm Joseph Dorian Fava kien kopert bil-polza fil-mument tal-inċident, peress li din il-polza kienet tkopri biss lilu u lil ċertu Keith Fava, bħala *only drivers,* irriżulta li l-konvenut Meir Assouline ma kienx kopert, minkejja li Joseph Dorian Fava jgħid li ma kienx jaf b'tali kundizzjoni fil-polza.

anki meta biegħ il-vettura għax xorta kien obbligat li jiżgura sakemm isir it-trasferiment fuq ix-xerrej, dan ma jużax il-vettura jekk mhuwiex kopert bil-polza.

Illi s-sentenza fl-ismijiet **Isabelle Borg *et vs.* Robert Galea *et***[59] fejn kien ittrattat każ kważi identiku, ingħad is-segwenti:

> "Kif ingħad, il-konvenut George Serracino m'għandux jitqies responsabbli għall-inċident in kwistjoni, però, l-atturi qed jitolbu li hu jiġi kkundannat *in solidum* għad-danni li jistgħu jirriżultaw peress hu ħalla lill-konvenut Robert Galea isuq l-mutur tiegħu meta dan ma kienx inxurjat biex isuq dak il-mutur. Bħala fatt, jirriżulta mill-provi li Robert Galea kellu liċenzja biex isuq mutur, però, il-mutur in kwistjoni, dak bin-numru FAH 493, proprjetà ta' George Serracino, kien inxurjat biss jekk ikun misjuq minn sidu George Serracino. Il-*coverage* tal-insurance kienet tkopri lil dak il-mutur biss waqt li jkun qed jiġi misjuq minn George Serracino. Jidher li, qabel l-inċident, dan George Serracino *"biegħ"* il-mutur lil Robert Galea, però, ma ħax ħsieb jaqleb ir-reġistrazzjoni tal-mutur għal fuq Galea, u lanqas ma ħa ħsieb jara li dak il-mutur ma jinstaqx minn Galea qabel ma jkun reġistrat fuq ismu u kopert b'assigurazzjoni. Fil-fatt, meta seħħ l-inċident, il-mutur inkwistjoni kien għadu reġistrat fuq George Serracino, u kellu *insurance coverage* għal *"owner driven"* biss, b'mod, li hemm possibilità li s-soċjetà assikuratriċi ma tonorax id-danni li saritilha wara l-inċident.
>
> Dawn iċ-ċirkustanzi jinvolu lill-istess George Serracino f'responsabilità legali. Dana għalhiex, kif qalet din il-Qorti, fil-kawża "**Scerri *vs.* Ciantar**", deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2003, "huwa paċifiku illi, in linea ta' massima ġenerali, sid ta' vettura li tkun involuta f`inċident meta misjuqha minn terzi ma jwieġibx għad-danni talvolta kaġjonati mis-sewwieq. Bħal kull prinċipju ġenerali ieħor ir-regola ssofri eċċezzjoni bħal per eżempju fejn jirriżulta li l-vettura misjuqha mit-terz ma tkunx assikurata u allura tinsorġi r-responsabilità solidali anke ta' sid il-vettura ("**Avv. Franz Refalo nomine *vs.* Paul Caruana**", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 5 ta' Ottubru,

[59] P.A. datata 19.10.2007 u appellata u deċiża fl-appell fit-03.11.2011.

1995; "**E. Micallef *vs.* Simone Azzopardi**", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 7 ta' Ottubru, 1994).

Hekk ukoll fil-kawża "**Micallef *et vs.* Busuttil *et***", deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2002, il-Qorti żammet is-sid tal-vettura solidarjament responsabbli għad-danni subiti mill-atturi billi l-istess sid ippermetta persuna ssuq il-vettura meta din il-persuna kienet taħt l-età u mingħajr liċenzja, u dana billi kif qalet il-Qorti stess "(is-sid) ippreġudika l-pożizzjoni tat-terz vis a vis kwalunkwe talba għad-danni riżultanti mill-istess inċident".

Fl-istess sens hija d-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Ġunju, 1955, fil-kawża fl-ismijiet "**Schembri *vs.* Davies *et***". Il-Qorti tista' tagħmel referenza ukoll għad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fis-7 ta' Marzu, 2006, fil-kawża fl-ismijiet "**Fenech *vs.* Cutajar *et***", fejn ukoll sid il-vettura instab responsabbli *in solidum* mas-sewwieq, meta ħalla l-vettura f'idejn terzi, u ma aċċertax ruħu li l-istess terz "kien debitament liċenzjat u kapaċi biex isuq il-vettura". Sid ta' vettura ma jeħlisx mir-responsabbilità fil-konfront ta' dik il-vettura billi jbiegħ l-istess lil terza persuna, iżda is-sid jibqa' mgħobbi b'responsabilitajiet legali sakemm dik il-vettura tibqa' reġistrata fuq ismu. Sakemm dik tibqa' "tiegħu", hu jibqa' responsabbli għall-istess vettura, u responsabbli aktar jekk jiġri inċident meta dik il-vettura tiġi misjuqha minn persuna li m'għandux liċenzja u/jew mhux kopert b'assikurazzjoni.

Kwindi r-responsabilità tiegħu għad-danni hija daqs u *in solidum* ma' Robert Galea li kienet il-persuna li effettivament ikkaġunat id-danni."

Illi għad li din is-sentenza ġiet *in parte* ribaltata mill-Qorti tal-Appell, dan ma kienx għar-rigward ta' dan l-insenjament suċitat, iżda abbażi tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni imqajma minn sid il-vettura Serracino, minħabba li l-Prim'Awla kienet ikkonkludiet li sid il-vettura, filwaqt li kien ċivilment responsabbli *in solidum* mas-sewwieq, kien ukoll responsabbli mas-sewwieq kriminalment u ddeċidiet li kellha tapplika l-preskrizzjoni kriminali li kienet itwal. Il-Qorti tal-

Appell fil-fatt qablet li s-sid il-vettura kien responsabbli *in solidum* mas-sewwieq:

> "38. Il-ħames aggravju tal-appellant George Serracino dwar id-danni jserraħ fuq diversi konsiderazzjonijiet. L-ewwel waħda hi li l-fatti fil-każ **Refalo *vs.* Caruana** kienu differenti minn dawk fil-każ odjern. Dan jista' jkun minnu iżda din ma kienetx l-unika sentenza li fuqha straħet l-ewwel Qorti biex ġibdet il-konklużjonijiet tagħha dwar ir-responsabbilità solidali. Di fatti l-ewwel Qorti ċċitat diversi sentenzi oħrajn.
>
> 39. Dwar il-konsiderazzjoni li l-appellant Serracino kien tal-fehma li l-mutur kien sar proprjetà ta' Robert Galea li għalhekk fuqu kien jinkombi li jagħmel polza ta' assigurazzjoni din ġià ġiet kunsidrata u riġettata minn din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-raba' aggravju u qed tiġi wkoll riġettata minn din il-Qorti għall-fini ta' dan l-aggravju.
>
> 40. Dwar l-aħħar konsiderazzjoni, kif ġià stabbiliet din il-Qorti ir-responsabbilità solidali għad-danni kaġunati bl-inċident in kwisjoni f'dan il-każ ma temerġix mir-responsabbilità o meno għar-reat ta' omiċidju involontarju iżda mir-responsabbilità għar-reat taħt l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 u għalhekk din il-konsiderazzjoni wkoll ma hix fondata.
>
> Dan l-aggravju wkoll, għalhekk, ma jistax jiġi milqugħ."

Illi għaldaqstant fil-każ odjern, fejn ma jinsorġux ebda eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni u fil-fatt l-kawża kemm kontra is-sid tal-vettura u kif ukoll kontra s-sewwieq tal-vettura waqt l-inċident, saret qabel sentejn mid-data tal-inċident, il-konvenut Joseph Dorian Fava għandu jinżamm ċivilment responsabbli *in solidum* flimkien mal-konvenut Assouline għall-ħlas tad-danni sofferti u ppruvati mill-attur.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti Meir Assouline u Joseph Dorian Fava;**

**(2) Tiddikjara li l-konvenut Meir Assouline kien unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fl-20 ta' Novembru, 2014, meta l-attur kien qed issuq il-vettura tiegħu tal-marka Mercedes Benz bin-numru ta' reġistrazzjoni JAZ 012, fi Triq Bella Vista San Ġwann, u din sfat milquta mill-vettura tal-marka Mercedes Benz bin-numru ta' reġistrazzjoni ACC 635, li kienet misjuqa minn Meir Assouline, proprjetà ta' Joseph Dorian Fava;**

**(3) Tillikwida id-danni sofferti mill-attur Joseph Azzopardi fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000) u tikkundanna lill-konvenuti Meir Assouline u Joseph Dorian Fava jħallsu *in solidum* bejniethom lill-attur Joseph Azzopardi s-somma ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000), bl-imgħax mid-data tas-sentenza.**

**Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-ittri uffiċjali ppreżentati mill-attur kontestwalment mar-Rikors Maħluf, a kariku tal-konvenuti Meir Assouline u Joseph Dorian Fava *in solidum* bejniethom.**

Moqrija.